SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

8 ta' Settembru 2015*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proċeduri kriminali li jikkonċernaw reati fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Artikolu 325 TFUE — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi termini ta' preskrizzjoni assoluti li jistgħu jagħtu lok għall-impunità tar-reati — Effett potenzjali fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea — Obbligu tal-qorti nazzjonali li ma tapplikax dispożizzjoni tad-dritt intern li tista' tippreġudika l-obbligi imposti fuq l-Istati Membri mid-dritt tal-Unjoni"

Fil-Kawża C-105/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale di Cuneo (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Jannar 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Marzu 2014, fi proċeduri kriminali kontra

**Ivo Taricco,**

**Ezio Filippi,**

**Isabella Leonetti,**

**Nicola Spagnolo,**

**Davide Salvoni,**

**Flavio Spaccavento,**

**Goranco Anakiev,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, K. Lenaerts, Viċi President, R. Silva de Lapuerta, L. Bay Larsen, T. von Danwitz u J.-C. Bonichot, Presidenti tal-Awla, A. Arabadjiev, M. Safjan, D. Šváby, M. Berger (Relatur), A. Prechal, E. Jarašiūnas u C. G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: L. Carrasco Marco, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' Marzu 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal M. Anakiev, minn L. Sani, avvocato,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn M. Salvatorelli u L. Ventrella, avvocati dello Stato,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u J. Kemper, bħala aġenti,

— għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Rossi u R. Lyal, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-30 ta' April 2015,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 101 TFUE, 107 TFUE u 119 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 158 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mressqa kontra I. Taricco, E. Filippi, I. Leonetti, I. Spagnolo, D. Salvoni, F. Spaccavento u G. Anakiev (iktar 'il quddiem, flimkien, l-"akkużati"), minħabba li stabbilixxew u fasslu assoċjazzjoni sabiex jitwettqu reati differenti fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 325 TFUE jipprevedi:

"1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkumbattu l-frodi u l-attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni permezz ta' miżuri, li jittieħdu skond dan l-Artikolu u li jservu ta' deterrent kif ukoll li jkunu tali li joffru protezzjoni effettiva fl-Istati Membri, kif ukoll fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi ta' l-Unjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-istess miżuri sabiex jikkumbattu l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni bħal ma jieħdu sabiex jikkumbattu l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tagħhom stess.

[...]"

#### Il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej

4 Skont il-Preambolu tal-Konvenzjoni stabbilita fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, iffirmata fil-Lussemburgu fis-26 ta' Lulju 1995 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 8, p. 57, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni PIF"), il-pajjiżi kontraenti għal din il-konvenzjoni, Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, huma konvinti "li l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej issejjaħ għal prosekuzzjoni kriminali ta' kondotta frawdolenta li tagħmel ħsara lil dawk l-interessi" u "mill-ħtieġa li

tagħmel din il-kondotta punita b'penalitajiet kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi, mingħajr preġudizzju għal possibbilità li tapplika penalitajiet oħra f'każi xierqa, u tal-bżonn, għal inqas f'każi serji, li tagħmel din il-kondotta punita b'deprivazzjoni ta' libertà".

5 L-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni PIF jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni, frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej tikkonsisti fir-:

[...]

b) rigward dħul, kwalunkwe att jew omissjoni intenzjonali dwar:

— l-użu jew preżentazzjoni ta' stqarrijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, li għandhom bħala effett it-tnaqqis illegali ta' fondi mill-bilanċ ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jew bilanċi mħaddma minn, jew f'isem, il-Komunitajiet Ewropej,

— [...]"

6 L-Artikolu 2(1) ta' din il-Konvenzjoni jipprovdi:

"Kull Stat Membru jieħu l-miżuri meħtieġa biex jassigura li l-kondotta msemmija fl-Artikolu 1, u parteċipazzjoni f'instigazzjoni jew attentat tal-kondotta msemmija fl-Artikolu 1(1), huma puniti b'penalitajiet kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi, inklużi, għal inqas f'każi ta' frodi serja, penalitajiet li jinvolvu depravazzjoni ta' libertà li tista' tagħti lok għal estradizzjoni, u jinftiehem li frodi serja titqies frodi li tinvolvi ammont minimu li għandu jkun stabbilit f'kull Stat Membru. Dan l-ammont minimu ma jistax ikun stabbilit għas-somma li taqbeż 50 000 [EUR]."

Id-Direttiva 2006/112

7 L-Artikolu 131 tad-Direttiva 2006/112 jipprovdi:

"L-eżenzjonijiet ipprovduti fil-Kapitoli 2 sa 9 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet oħrajn tal-Komunità skond kondizzjonijiet li l-Istati Membri għandhom jistabilixxu għall-finijiet li jiżguraw l-applikazzjoni korretta u ċara ta' dawk l-eżenzjonijet u tal-prevenzjoni ta' kawlunkwe evażjoni, evitar jew abbuż possibbli."

8 L-Artikolu 138(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jeżentaw il-provvista ta' merkanzija mibgħuta jew ittrasportata lejn destinazzjoni 'l barra mit-territroju tagħhom iżda fil-Komunità, jew mill-bejjiegħ jew f'ismu jew il-persuna li tkun qed takkwista l-merkanzija, għal persuna taxxabbli oħra, jew għal persuna legali mhux taxxabbli li tkun qed taġixxi bħala tali fi Stat Membru ieħor li mhux dak minn fejn bdiet tinbagħat jew tkun ittrasportata il-merkanzija."

9 L-Artikolu 158 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. [...] l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal arranġamenti tal-ħażna minbarra magazzinaġġ doganali fil-każijiet li ġejjin:

a) fejn il-merkanzija hija maħsuba għal ħwienet ħielsa mit-taxxa [...]

[...]

2. Fejn l-Istati Membri jeżerċitaw l-għażla ta' eżenzjoni prevista fil-punt (a) tal-paragrafu 1, huma għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni tajba u ċara ta' din l-eżenzjoni u biex ma jkunx hemm evażjoni, skartar jew abbuż.

[...]"

Id-Deċiżjoni 2007/436/KE

10 L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom, tas-7 ta' Ġunju 2007, dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 163, p. 17), huwa fformulat kif ġej:

"Id-dħul minn dan li ġej għandu jkun jikkostitwixxi r-riżorsi proprji mdaħħla fil-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea:

[...]

b) [...] l-applikazzjoni ta' rata uniformi valida għall-Istati Membri kollha għall-bażijiet ta' valutazzjoni tal-VAT armonizzati ddeterminati skond ir-regoli Komunitarji. [...]"

*Id-dritt Taljan*

11 L-Artikolu 157 tal-Kodiċi Kriminali, kif emendat bil-Liġi Nru 251, tal-5 ta' Diċembru 2005 (GURI Nru 285, tas-7 ta' Diċembru 2005, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Kriminali"), dwar il-preskrizzjoni fil-qasam kriminali, jipprovdi:

"Il-prosekuzzjoni ta' reat hija preskritta wara li jkun iddekorra terminu ekwivalenti għat-tul tal-piena massima stabbilita fil-liġi; bla ħsara għal dan, il-perijodu ta' preskrizzjoni ma għandux ikun inqas minn sitt snin fil-każ ta' delitti u inqas minn erba' snin fil-każ ta' reati, inkluż fil-każ li dawn tal-aħħar ikunu ssanzjonati b'multa biss.

[...]"

12 L-Artikolu 158 ta' dan il-kodiċi jirregola l-bidu tat-terminu ta' preskrizzjoni kif ġej:

"It-terminu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-jum li fih twettaq ir-reat, jew fil-każ ta' attentat reat, mill-jum li fih intemmet l-attività jew l-attività kontinwa tal-akkużat. Fir-rigward ta' reat permanenti, it-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-jum li fih ir-reat ma jibqax permanenti".

[...]"

13 Skont l-Artikolu 159 tal-imsemmi kodiċi, dwar ir-regoli li jirrigwardaw s-sospensjoni tal-preskrizzjoni:

"Il-preskrizzjoni hija sospiża fil-każijiet kollha fejn is-sospensjoni tal-proċedura, tal-proċess kriminali jew tat-terminu previst għad-detenzjoni proviżorja hija prevista minn dispożizzjoni leġiżlattiva speċjali, kif ukoll fil-każijiet li ġejjin:

1) awtorizzazzjoni li jitressqu proċeduri;

2) rinviju tal-kawża quddiem qorti oħra;

3) sospensjoni tal-proċeduri jew tal-proċess kriminali minħabba impediment tal-partijiet u tal-avukati, jew fuq talba tal-akkużat jew tal-avukat tiegħu. [...]

[...]

Il-preskrizzjoni terġa' tibda tiddekorri fil-jum li fih il-kawża li tat lok għas-sospensjoni ma tibqax teżisti."

14 L-Artikolu 160 tal-istess kodiċi, li jirregola l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, jipprovdi:

"It-terminu ta' preskrizzjoni jiġi interrott permezz ta' sentenza jew ta' digriet ta' kundanna.

Digriet li jordna l-applikazzjoni ta' miżuri kawtelatorji *ratione personae* [...] u digriet li jistabbilixxi smigħ preliminari [...] jistgħu wkoll jagħtu lok għall-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni.

Fil-każ ta' interruzzjoni, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-ġdid mill-jum tal-interruzzjoni. Jekk ikun hemm iktar minn interruzzjoni waħda, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-aħħar interruzzjoni; madankollu, it-termini stabbiliti fl-Artikolu 157 f'ebda ċirkustanza ma jistgħu jiġu estiżi lil hinn mit-termini stabbiliti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 161, ħlief għar-reati previsti fl-Artikolu 51(3)(b) u (c) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali."

15 Skont l-Artikolu 161 tal-Kodiċi Kriminali, li jikkonċerna l-effetti tas-sospensjoni u tal-interruzzjoni:

"Is-sospensjoni u l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni jipproduċu effetti għal dawk kollha li jkunu wettqu r-reat.

Bl-eċċezzjoni tal-prosekuzzjoni ta' reati msemmija fl-Artikoli 51(3)(b) u (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni tista' tagħti lok għall-estensjoni ta' dan it-terminu b'mhux iktar minn kwart ta' dan it-terminu [...]"

16 L-Artikolu 416 tal-Kodiċi Kriminali jimponi piena ta' priġunerija ta' massimu ta' seba' snin fuq persuni li jwaqqfu organizzazzjoni għall-finijiet tat-twettiq ta' reati. Is-sempliċi parteċipazzjoni f'tali assoċjazzjoni hija punibbli b'piena ta' priġunerija sa ħames snin.

17 Skont l-Artikolu 2 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 74, li jintroduċi dispożizzjonijiet ġodda dwar ir-reati fil-qasam tat-taxxa fuq id-dħul u tat-taxxa fuq il-valur miżjud (decreto legislativo Nru 74, nuova disciplina dei reati in materia di imposte sui redditi e sul valore aggiunto), tal-10 ta' Marzu 2000 (GURI Nru 76 tal-31 ta' Marzu 2000, iktar 'il quddiem id-"DL Nru 74/2000"), is-sottomissjoni ta' denunzja tal-VAT frawdolenti permezz tal-użu ta' fatturi jew kwalunkwe dokumenti oħra marbuta ma' tranżazzjonijiet ineżistenti, hija punibbli b'piena ta' priġunerija ta' bejn sena u sitt xhur sa sitt snin. Skont l-Artikolu 8 tad-DL Nru 74/2000, kull min jibgħat fatturi foloz sabiex terzi jkunu jistgħu jevadu l-VAT huwa suġġett għall-istess piena.

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

18 L-akkużati tressqu quddiem it-Tribunale di Cuneo b'kap ta' akkuża li stabbilixxew u fasslu, matul is-snin fiskali ta' bejn l-2005 u l-2009, organizzazzjoni kriminali bil-għan li jwettqu reati differenti fil-qasam tal-VAT. Fil-fatt, huma ġew akkużati li għamlu arranġamenti legali frawdolenti tat-tip "karużell għall-VAT", li jinvolvu b'mod partikolari t-twaqqif ta' kumpanniji tal-isem u s-sottomissjoni ta' dokumenti foloz li permezz tagħhom kienu akkwistaw beni, f'dan il-każ fliexken tax-xampanja, mingħajr VAT. Dawn it-tranżazzjonijiet ippermettew lil Planet Srl (iktar 'il quddiem "Planet") takkwista prodotti bi prezz orħos minn dak tas-suq, li hija setgħet terġa' tbiegħ lill-klijenti tagħha, u b'dan il-mod ħolqot distorsjoni f'dan is-suq.

19 Planet irċeviet fatturi maħruġa minn dawn il-kumpanniji tal-isem għal tranżazzjonijiet ineżistenti. Dawn il-kumpanniji kienu madankollu naqsu milli jippreżentaw id-denunzja annwali tal-VAT jew, meta ppreżentawha, ma kinux fi kwalunkwe każ wettqu l-ħlasijiet korrispondenti. Min-naħa l-oħra, Planet kienet inkludiet il-fatturi maħruġa mill-imsemmija kumpanniji tal-isem fil-kontabbiltà tagħha, billi naqqset indebitament il-VAT li kienet indikata fuqhom u, konsegwentement, ippreżentat denunzji annwali tal-VAT frawdolenti.

20 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, wara li l-kawża li kienet tressqet quddiemha ġiet suġġetta għal diversi kwistjonijiet proċedurali, u hija ċaħdet id-diversi eċċezzjonijiet imqajma mill-akkużati fil-kuntest tas-smigħ preliminari li nżamm quddiemha, il-qorti tar-rinviju qiegħda tintalab tagħti, minn naħa, sentenza li tikkonstata li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fir-rigward ta' wieħed mill-akkużati, G. Anakiev, peress li r-reati inkwistjoni huma preskritti fir-rigward tiegħu. Min-naħa l-oħra, hija għandha tagħti deċiżjoni tar-rinviju għal sentenza fir-rigward tal-akkużati l-oħrajn, billi tistabbilixxi seduta għall-kontradittorju.

21 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li r-reati li huma akkużati bihom l-akkużati huma ssanzjonati b'piena, skont l-Artikoli 2 u 8 tad-DL Nru 74/2000, ta' massimu ta' sitt snin priġunerija. Min-naħa l-oħra, ir-reat ta' organizzazzjoni kriminali, previst fl-Artikolu 416 tal-Kodiċi Kriminali, li fir-rigward tiegħu l-akkużati jistgħu wkoll jinstabu ħatja, huwa ssanzjonat b'piena ta' massimu ta' seba' snin priġunerija għal dawk li jwaqqfu l-organizzazzjoni, u b'piena ta' massimu ta' ħames snin priġunerija għal dawk li sempliċement jipparteċipaw. Għall-persuni li jwaqqfu l-organizzazzjoni kriminali, it-terminu ta' preskrizzjoni huwa ta' seba' snin, filwaqt li għall-persuni l-oħra kollha, it-terminu huwa ta' sitt snin. L-aħħar att li wassal għall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni kien id-digriet li stabbilixxa s-smigħ preliminari.

22 Madankollu, minkejja l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, it-terminu tagħha ma jistax jiġi pprorogat, skont l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 tal-Kodiċi Kriminali, moqri flimkien mal-Artikolu 161 ta' dan il-kodiċi (iktar 'il quddiem id-"dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni"), iktar minn seba' snin u sitt xhur jew, fir-rigward tal-persuni li jwaqqfu l-organizzazzjoni kriminali, iktar minn tmien snin u disa' xhur li jibdew jiddekorru mill-fatti tar-reat. Skont il-qorti tar-rinviju, huwa żgur li r-reati kollha, sa fejn ma humiex diġà preskritti, se jkunu preskritti mhux iktar tard mit-8 ta' Frar 2018, jiġifieri qabel ma tkun tista' tingħata sentenza definittiva fir-rigward tal-akkużati. Dan il-fatt għandu bħala konsegwenza li dawn tal-aħħar, li qiegħed jiġi allegat li wettqu frodi tal-VAT li tammonta għal diversi miljuni ta' ewro, ikunu jistgħu jgawdu minn impunità ta' fatt, minħabba l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni.

23 Skont il-qorti tar-rinviju, din il-konsegwenza kienet madankollu prevedibbli minħabba l-eżistenza tar-regola li tinsab fl-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 tal-Kodiċi Kriminali, moqrija flimkien ma' dik tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi Kriminali li, billi tippermetti, wara interruzzjoni tal-preskrizzjoni, proroga tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' kwart biss tat-tul inizjali tiegħu, timplika, fil-verità, li l-preskrizzjoni ma tiġix interrotta fil-parti l-kbira tal-proċeduri kriminali.

24 Proċeduri kriminali dwar frodi fiskali, bħal dawk li fir-rigward tagħhom jistgħu jinsabu ħatja l-akkużati, normalment jimplikaw investigazzjonijiet kumplessi ħafna, b'mod li l-proċeduri jieħdu diġà ħafna żmien fil-fażi tal-investigazzjoni preliminari tagħhom. It-tul tal-proċeduri, bl-istanzi kollha, ikun tali li, f'din it-tip ta' kawża, l-impunità ta' fatt tikkostitwixxi fl-Italja mhux każ eċċezzjonali, iżda n-norma. Barra minn hekk, normalment ikun impossibbli għall-amministrazzjoni finanzjarja Taljana li tirkupra l-ammont ta' taxxi li kien is-suġġett tar-reat ikkonċernat.

25 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tqis li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni indirettament jawtorizzaw kompetizzjoni żleali minn ċerti operaturi ekonomiċi stabbiliti fl-Italja fil-konfront ta' impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra, bi ksur għalhekk tal-Artikolu 101 TFUE. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jiffavorixxu ċerti impriżi, bi ksur tal-Artikolu 107 TFUE. Iktar minn hekk, l-imsemmija dispożizzjonijiet joħolqu, fil-fatt, eżenzjoni li ma hijiex prevista fl-Artikolu 158(2)

tad-Direttiva 2006/112. Fl-aħħar nett, l-impunità li effettivament igawdu minnha l-frodisti tikser il-prinċipju gwida, elenkat fl-Artikolu 119 TFUE, li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-saħħa tal-finanzi pubbliċi tagħhom.

26 Il-qorti tar-rinviju tqis madankollu li, fil-każ li tista' ma tapplikax id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, ikun possibbli li tiġi ggarantita fl-Italja l-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale di Cuneo ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel is-segwenti domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) [L-]aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 tal-Kodiċi Kriminali [...] fil-parti li [tikkonċerna] estensjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni biss bi kwart tat-tul wara interruzzjoni, u għaldaqstant, li tippermetti l-preskrizzjoni tar-reati minkejja t-tressiq [fit-terminu previst] tal-azzjoni kriminali, bil-konsegwenti impunità għal dawn ir-reati – jikser ir-regola ta' ħarsien tal-kompetizzjoni taħt l-Artikolu 101 TFUE?

2) [Bl-]aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 tal-Kodiċi Kriminali [...] fil-parti li [tikkonċerna] estensjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni biss bi kwart tat-tul wara interruzzjoni, u għaldaqstant, li ċċaħħad minn konsegwenzi kriminali r-reati mwettqa minn operaturi ekonomiċi mingħajr skrupli – l-Istat Taljan introduċa forma ta' għajnuna [mill-Istat] pprojbita mill-Artikolu 107 TFUE?

3) [Bl-]aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 tal-Kodiċi Kriminali [...] fil-parti li [tikkonċerna] estensjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni biss bi kwart tat-tul wara interruzzjoni, u għaldaqstant, li toħloq ipoteżi ta' impunità għal min jinstrumentalizza d-Direttiva [2006/112,] l-Istat Taljan indebitament żied eżenzjoni ulterjuri flimkien ma' dawk espliċitament ikkontemplati mill-Artikolu 158 [ta' din id-direttiva]?

4) [Bl-]aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 tal-Kodiċi Kriminali [...] fil-parti li [tikkonċerna] estensjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni biss bi kwart tat-tul wara interruzzjoni, u għaldaqstant, li tirrinunzja milli tippenalizza aġir li jċaħħad lill-Istat mir-riżorsi neċessarji anki biex jiffaċċja l-obbligi lejn l-Unjoni Ewropea, ġie miksur il-prinċipju ta' finanzi b'saħħithom stabbilit mill-Artikolu 119 TFUE?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ammissibbiltà tad-domandi*

28 G. Anakiev kif ukoll il-Gvernijiet tal-Italja u tal-Ġermanja jikkunsidraw li d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju huma inammissibbli. F'dan ir-rigward, G. Anakiev jirrileva li d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jistabbilixxu r-regoli ta' preskrizzjoni għar-reati fil-qasam fiskali ġew emendati reċentement, b'tali mod li l-kunsiderazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju huma infondati. Il-Gvernijiet tal-Italja u tal-Ġermanja jqisu, essenzjalment, li d-domandi ta' interpretazzjoni magħmula mill-qorti tar-rinviju huma purament astratti jew ipotetiċi u ma għandhom ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-proċeduri fil-kawża prinċipali.

29 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn din tal-aħħar u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha qiegħda tinstema' l-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġuridika, li għandha tevalwa, fir-rigward taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja

għandha, bħala prinċipju, tagħti deċiżjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Banco Privado Português u Massa Insolvente do Banco Privado Português, C-667/13, EU:C:2015:151, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Minn dan jirriżulta li d-domandi dwar id-dritt tal-Unjoni jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha l-ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex disponibbli l-informazzjoni fattwali u legali neċessarja sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Halaf, C-528/11, EU:C:2013:342 punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Madankollu, bħalma rrilevat essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punti 45 *et seq* tal-konklużjonijiet tagħha, il-kundizzjonijiet li jistgħu jwasslu lill-Qorti Ġenerali tirrifjuta li tagħti deċiżjoni fuq id-domandi magħmula, f'dan il-każ, huma manifestament mhux issodisfatti. Fil-fatt, l-informazzjoni fid-deċiżjoni tar-rinviju tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tfassal risposti utli għall-qorti tar-rinviju. Barra minn hekk, dawn l-indikazzjonijiet huma ta' natura li jippermettu lill-persuni interessati imsemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja li jagħmlu osservazzjonijiet validi.

32 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta b'mod ċar li d-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja bl-ebda mod ma huma ta' natura ipotetika u li hemm relazzjoni mar-realtà tal-kawża prinċipali, peress li dawn id-domandi jikkonċernaw l-interpretazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti tar-rinviju tikkunsidra bħala determinanti għad-deċiżjoni segwenti li hija għandha tagħti fil-kawża prinċipali, partikolarment għal dak li jikkonċerna r-rinviju tal-akkużati quddiem kulleġġ ġudikanti.

33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tiġi ddikjarata ammissibbli.

*Fuq it-tielet domanda*

34 Permezz tat-tielet domanda tagħha, li għandha tiġi indirizzata l-ewwel, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, minn naħa, jekk leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-preskrizzjoni tar-reati kriminali, bħal dik stabbilita bid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, li kienet tipprovdi, meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, li l-interruzzjoni li sseħħ fil-kuntest ta' proċeduri kriminali li jirrigwarda reati fil-qasam tal-VAT kellha bħala effett li testendi t-terminu ta' preskrizzjoni bi kwart biss tat-tul inizjali tagħha, b'mod li l-persuni pprosekutati setgħu jgawdu minn impunità ta' fatt, timplikax l-introduzzjoni ta' każ ta' eżenzjoni mill-VAT mhux previst fl-Artikolu 158 tad-Direttiva 2006/112. Min-naħa l-oħra, fil-każ li r-risposta għal din id-domanda tkun pożittiva, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk hija tista' ma tapplikax dawn id-dispożizzjonijiet.

Fuq il-konformità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik stabbilita mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, mad-dritt tal-Unjoni

35 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li, minkejja li t-tielet domanda tirreferi għall-Artikolu 158 tad-Direttiva 2006/112, jirriżulta b'mod ċar mill-motivi tad-deċiżjoni tar-rinviju li, permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik stabbilita permezz tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni, timplikax ostakolu għall-ġlieda effettiva kontra l-frodi fil-qasam tal-VAT fl-Istat Membru kkonċernat, b'mod inkompatibbli mad-Direttiva 2006/112 kif ukoll, b'mod iżjed ġenerali, mad-dritt tal-Unjoni.

36 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-qasam tal-VAT, mid-Direttiva 2006/112, moqrija flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE, jirriżulta li l-Istati Membri ma għandhomx biss l-obbligu ġenerali li jieħdu l-miżuri leġiżlattivi u amministrattivi kollha sabiex jiggarantixxu l-ġbir tal-VAT kollu dovut fit-territorji rispettivi tagħhom, iżda għandhom ukoll jiġġieldu kontra l-frodi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Barra minn hekk, l-Artikolu 325 TFUE jobbliga lill-Istati Membri jiġġieldu kontra l-attivitajiet illegali li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' miżuri dissważivi u effettivi u, b'mod partikolari, jobbligahom jadottaw l-istess miżuri sabiex jikkumbattu l-frodi li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bħal dawk li huma jadottaw sabiex jikkumbattu l-frodi li tippreġudika l-interessi finanzjarji tagħhom stess (ara s-sentenza Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, f'dan ir-rigward, li peress li r-riżorsi proprji tal-Unjoni jinkludu b'mod partikolari, skont l-Artikolu 2(1)(b) tad-Deċiżjoni 2007/436, id-dħul provenjenti mill-applikazzjoni ta' taxxa uniformi fuq bażi armonizzata tal-VAT iddeterminata skont ir-regoli tal-Unjoni, hemm għalhekk rabta diretta bejn il-ġbir tad-dħul mill-VAT skont id-dritt tal-Unjoni applikabbli u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni tar-riżorsi korrispondenti mill-VAT, peress li kull lakuna fil-ġbir ta' dawn tal-ewwel potenzjalment tikkawża tnaqqis fit-tieni (ara s-sentenza Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punt 26).

39 Minkejja li l-Istati Membri għandhom, ċertament, libertà ta' għażla fir-rigward tas-sanzjonijiet applikabbli, li jistgħu jkollhom l-għamla ta' sanzjonijiet amministrattivi, ta' sanzjonijiet kriminali jew ta' kombinazzjoni tat-tnejn, sabiex jiggarantixxu l-ġbir tad-dħul kollu provenjenti mill-VAT u, b'dan il-mod, tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni konformement mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112 u mal-Artikolu 325 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata), sanzjonijiet kriminali jistgħu madankollu jkunu indispensabbli għall-ġlieda effettiva u dissważiva kontra ċerti każijiet ta' frodi serja tal-VAT.

40 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-aġir li jikkostitwixxi frodi li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkun suġġett għal sanzjonijiet kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi, inklużi, għall-inqas fil-każijiet ta' frodi serja, sanzjonijiet li jillimitaw il-libertà.

41 Il-kunċett ta' "frodi" huwa ddefinit fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni PIF bħala "kwalunkwe att jew omissjoni intenzjonali dwar [...] l-użu jew preżentazzjoni ta' stqarrijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, li għandhom bħala effett it-tnaqqis illegali ta' fondi mill-bilanċ ġenerali tal-[Unjoni] jew bilanċi mħaddma minn, jew f'isem, [l-Unjoni]". Dan il-kunċett jinkludi, konsegwentement, id-dħul provenjenti mill-applikazzjoni ta' taxxa uniformi fuq bażi armonizzata tal-VAT iddeterminata skont ir-regoli tal-Unjoni. Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkonfutata mill-fatt li l-VAT ma hijiex direttament miġbura għan-nom tal-Unjoni, preċiżament peress li l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni PIF ma jipprevedix tali kundizzjoni li hija kuntrarja għall-għan ta' din il-konvenzjoni li huwa l-ġlieda bl-iktar determinazzjoni kontra l-frodi li hija ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

42 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi sanzjonijiet kriminali għar-reati li huma s-suġġett tal-azzjonijiet fil-kawża prinċipali, jiġifieri, b'mod partikolari, it-twaqqif ta' organizzazzjoni kriminali bil-għan li jitwettqu reati fil-qasam tal-VAT kif ukoll frodi f'dan l-istess qasam li jammonta għal diversi miljuni ta' ewro. Għandu jiġi kkonstatat li tali reati jikkostitwixxu każijiet ta' frodi serja li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

43 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija fil-punti 37 u 39 sa 41 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali każijiet ta' frodi serja jkunu suġġetti għal sanzjonijiet kriminali li huma, b'mod partikolari, ta' natura effettiva u dissważiva. Barra minn hekk, il-miżuri meħuda f'dan ir-rigward għandhom ikunu l-istess bħal dawk li l-Istati Membri jieħdu sabiex jiġġieldu l-każijiet ta' frodi tal-istess livell ta' serjetà li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tagħhom stess.

44 Għaldaqstant, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika, billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha ta' dritt u ta' fatt, jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli jippermettux li jiġu ssanzjonati, b'mod effettiv u dissważiv, il-każijiet ta' frodi serja li huma detrimentali għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

45 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li la l-qorti tar-rinviju u lanqas il-persuni interessati li ssottomettew osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja ma kkontestaw in-natura dissważiva, fiha nfisha, tas-sanzjonijiet kriminali indikati mill-imsemmija qorti, jiġifieri piena ta' massimu ta' seba' snin priġunerija, u lanqas il-konformità, mad-dritt tal-Unjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni li huwa previst fid-dritt kriminali Taljan għall-fatti li jikkostitwixxu frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

46 Madankollu, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, peress li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jintroduċu, fil-każ ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward ta' wieħed mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 160 tal-Kodiċi Kriminali, regola li tipprovdi li t-terminu ta' preskrizzjoni ma jista' fl-ebda każ jiġi estiż b'iżjed minn kwart tat-tul inizjali tiegħu, għandhom bħala effett, minħabba l-kumplessità u t-tul tal-proċeduri kriminali li jwasslu għall-adozzjoni ta' sentenza definittiva, li jinnewtralizzaw l-effett *ratione temporis* ta' kawża ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

47 Fil-każ fejn il-qorti nazzjonali tasal għall-konklużjoni li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni jkollha l-effett li, f'numru kunsiderevoli ta' każijiet, il-fatti li jikkostitwixxu frodi serja ma jkunux issanzjonati kriminalment, sa fejn dawn il-fatti jkunu ġeneralment preskritti qabel ma s-sanzjoni kriminali prevista mil-liġi tkun tista' tiġi imposta b'deċiżjoni ġudizzjarja effettiva, ikun hemm lok li jiġi kkonstatat li l-miżuri previsti mid-dritt nazzjonali għall-ġlieda kontra l-frodi u kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, ma jistgħux jitqiesu li huma effettivi u dissważivi, li jkun inkompatibbli mal-Artikolu 325(1) TFUE, mal-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF kif ukoll mad-Direttiva 2006/112, moqrija flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE.

48 Barra minn hekk, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni japplikawx għall-każijiet ta' frodi fil-qasam tal-VAT bl-istess mod bħal fil-każijiet ta' frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tar-Repubblika Taljana biss, kif jeżiġi l-Artikolu 325(2) TFUE. B'mod partikolari, dan ma jkunx il-każ li kieku t-tieni paragrafu tal-Artikolu 161 tal-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi termini ta' preskrizzjoni itwal għal fatti, ta' natura u ta' serjetà komparabbli, li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tar-Repubblika Taljana. Kif osservat il-Kummissjoni Ewropea matul is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, u bla ħsara għall-verifika mill-qorti nazzjonali, id-dritt Taljan ma jipprevedi b'mod partikolari ebda terminu ta' preskrizzjoni assolut fir-rigward ta' reat ta' assoċjazzjoni bil-għan li jitwettqu reati fil-qasam tad-dazji tas-sisa fuq il-prodotti tat-tabakk.

Fuq l-impatt tal-possibbiltà ta' inkompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni u r-rwol tal-qorti nazzjonali

49 Fil-każ li l-qorti nazzjonali tasal għall-konklużjoni li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni ma jissodisfawx ir-rekwiżit tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tan-natura effettiva u dissważiva tal-miżuri tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, hija din il-qorti li għandha tiggarantixxi l-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni billi ma tapplikax, skont il-bżonn, l-imsemmija dispożizzjonijiet u għalhekk tinnewtralizza l-konsegwenza rrilevata fil-punt 46 ta' din is-sentenza, mingħajr ma jkollha titlob jew tistenna t-tneħħija minn qabel tagħhom permezz ta' proċedura leġiżlattiva jew ta' kwalunkwe proċedura

kostituzzjonali oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Berlusconi *et*, C-387/02, C-391/02 u C-403/02, EU:C:2005:270, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll Kücükdeveci, C-555/07, EU:C:2010:21, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-obbligu tal-Istati Membri li jiġġieldu kontra l-attivitajiet illegali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' miżuri dissważivi u effettivi, kif ukoll l-obbligu tagħhom li jadottaw l-istess miżuri sabiex jikkumbattu l-frodi li taffettwa dawn l-interessi bħal dawk li huma jadottaw sabiex jikkumbattu l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tagħhom stess, huma obbligi imposti, b'mod partikolari, mid-dritt primarju tal-Unjoni, jiġifieri l-Artikolu 325(1) u (2) TFUE.

51 Dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju tal-Unjoni jimponu fuq l-Istati Membri obbligu ta' riżultat preċiż u li ma jinkludi ebda kundizzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regola li huwa jistabbilixxi, imfakkra fil-punt preċedenti.

52 Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 325(1) u (2) TFUE għandhom bħala effett, skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, fir-relazzjoni tagħhom mad-dritt intern tal-Istati Membri, li jrendu awtomatikament inapplikabbli, minħabba d-dħul fis-seħħ stess tagħhom, kull dispożizzjoni kuntrarja tal-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza ANAFE, C-606/10, EU:C:2012:348, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Għandu jingħad ukoll li jekk il-qorti nazzjonali tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, hija għandha wkoll tiżgura li d-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati jkunu rrispettati. Fil-fatt, fir-rigward ta' dawn tal-aħħar jistgħu għalhekk jiġu imposti sanzjonijiet li, probabbilment, huma kienu jevitaw li kieku dawn id-dispożizzjonijiet ta' dritt nazzjonali ġew applikati.

54 F'dan ir-rigward, diversi partijiet interessati li għamlu sottomissjonijiet fil-Qorti tal-Ġustizzja rreferew għall-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") li jistabbilixxi l-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieni li jipprovdu, b'mod partikolari, li ħadd ma għandu jiġi kkundannat għal att jew ommissjoni li, fiż-żmien tal-fatti, ma kinux jikkostitwixxu reati skont id-dritt nazzjonali jew id-dritt internazzjonali.

55 Madankollu, bla ħsara għal verifika mill-qorti nazzjonali, in-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jkollu biss bħala effett li ma jqassarx it-terminu ta' preskrizzjoni ġenerali fil-kuntest ta' proċeduri kriminali pendenti, li jippermetti prosekuzzjoni effettiva tal-fatti li huma s-suġġett tal-akkuża kif ukoll li jiżgura, skont il-każ, l-ugwaljanza fit-trattament bejn is-sanzjonijiet intiżi li jipproteġu rispettivament l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u dawk tar-Repubblika Taljana. Tali nuqqas ta' applikazzjoni tad-dritt nazzjonali ma jiksirx id-drittijiet tal-akkużati, kif iggarantiti mill-Artikolu 49 tal-Karta.

56 Fil-fatt, minn dan ma tkun tirriżulta ebda kundanna tal-akkużati għal azzjoni jew ommissjoni li, fiż-żmien meta seħħew il-fatti, ma kinux jikkostitwixxu reat skont id-dritt nazzjonali (ara, b'analoġija, is-sentenza Niselli, C-457/02, EU:C:2004:707, punt 30), u lanqas l-impożizzjoni ta' sanzjoni li, f'dan l-istess mument, ma kinitx prevista minn dan id-dritt. Kuntrarjament, meta seħħew il-fatti li l-akkużati fil-kawża prinċipali huma akkużati bihom, dawn kienu jikkostitwixxu l-istess ksur u kienu puniti bl-istess sanzjonijiet kriminali li huma previsti preżentement.

57 Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, li tistabbilixxi drittijiet li jikkorrispondu ma' dawk iggarantiti mill-Artikolu 49 tal-Karta, tikkorrobora din il-konklużjoni. Fil-fatt, skont din il-ġurisprudenza, l-estensjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni u l-applikazzjoni immedjata tiegħu ma jimplikawx ksur għad-drittijiet iggarantiti mill-Artikolu 7 tal-imsemmija Konvenzjoni, peress li din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi estensjoni tat-termini ta' preskrizzjoni meta l-fatti li tagħhom huma akkużati

qatt ma ġew preskritti [ara, f'dan is-sens, Qorti Ewropea tad-Drittjiet tal-Bniedem, Coëme *et* vs Il-Belġju, Nri 32492/96, 32547/96, 32548/96, 33209/96 u 33210/96, paragrafu 149, QEDB 2000-VII; Scoppola vs L-Italja (Nru 2), Nru 10249/03, paragrafu 110 u l-ġurisprudenza ċċitata, 17 ta' Settembru 2009, u OAO Neftyanaya Kompaniya Yukos vs Ir-Russja, Nru 14902/04, paragrafi 563, 564 u 570 u l-ġurisprudenza ċċitata, 20 ta' Settembru 2011].

58 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-preskrizzjoni tar-reati kriminali, bħal dik stabbilita mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni, li kienet tipprovdi, meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, li l-interruzzjoni li sseħħ fil-kuntest ta' proċeduri kriminali dwar frodi serja fil-qasam tal-VAT għandha l-effett li testendi t-terminu ta' preskrizzjoni bi kwart biss tat-tul inizjali tagħha, tista' tippreġudika l-obbligi imposti fuq l-Istati Membri mill-Artikolu 325(1) u (2) TFUE, sa fejn din il-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun tipprekludi l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi f'numru kunsiderevoli ta' każijiet ta' frodi serja li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jew tkun tipprevedi termini ta' preskrizzjoni itwal għall-każijiet ta' frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Istat Membru kkonċernat minn dawk li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, liema aspett għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħti effett sħiħ lill-Artikolu 325(1) u (2) TFUE billi ma tapplikax, skont il-bżonn, id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jkollhom l-effett li jipprekludu lill-Istat Membru kkonċernat milli josserva l-obbligi imposti fuqu mill-Artikolu 325(1) u (2) TFUE.

*Fuq l-ewwel, it-tieni u r-raba' domanda*

59 Permezz tal-ewwel, it-tieni u r-raba' domanda, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk dispożizzjoni ta' preskrizzjoni applikabbli għal reati kriminali mwettqa fil-qasam tal-VAT, bħal dik prevista mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-verżjoni tagħha fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, tistax tiġi eżaminata fid-dawl tal-Artikoli 101 TFUE, 107 TFUE u 119 TFUE.

60 Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-Artikolu 101 TFUE, dan jipprojbixxi l-akkordji kollha bejn impriżi u l-prattiċi kollha miftiehma li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri u li jkollhom bħala għan jew riżultat tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq komuni. Kif irrilevat essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punt 60 tal-konklużjonijiet tagħha, infurzar possibbilment inadatt tad-dispożizzjonijiet kriminali nazzjonali fil-qasam tal-VAT madankollu ma għandux neċessarjament effett fuq aġir kolluživ potenzjali bejn l-impriżi, li jmur kontra l-Artikolu 101 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE.

61 Għal dak li jirrigwarda, it-tieni nett, il-projbizzjoni tal-għajnuna mill-Istat stabbilita fl-Artikolu 107 TFUE, għandu jitfakkar li miżura li permezz tagħha l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu lil ċerti impriżi trattament fiskali vantaġġuż li, għalkemm ma jinkludix trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, iqiegħed lill-benefiċjarji f'sitwazzjoni finanzjarja iktar favorevoli mill-kontribwenti l-oħra, tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE (ara, b'mod partikolari, is-sentenza P, C-6/12, EU:C:2013:525, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 Minkejja li n-natura ineffettiva u/jew mhux dissważiva tas-sanzjonijiet previsti fil-qasam tal-VAT tista' possibbilment tagħti vantaġġ finanzjarju għall-impriżi kkonċernati, madankollu ma għandux jiġi applikat l-Artikolu 107 TFUE f'dan il-każ, sa fejn it-tranżazzjonijiet kollha huma suġġetti għal-leġiżlazzjoni dwar il-VAT u kull reat imwettaq fil-qasam tal-VAT huwa ssanzjonat kriminalment, bla ħsara għal ċerti każijiet partikolari fejn id-dispożizzjoni ta' preskrizzjoni tista' teskludi konsegwenzi kriminali ta' ċerti reati.

63 It-tielet nett, fir-rigward tal-Artikolu 119 TFUE, din id-dispożizzjoni ssemmi fil-paragrafu 3 tagħha, fost wieħed mill-prinċipji gwida li jirregolaw l-azzjoni tal-Istati Membri fil-kuntest tat-twaqqif ta' politika ekonomika u monetarja, il-prinċipju li l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-saħħa tal-finanzi pubbliċi tagħhom.

64 Għandu jiġi rrilevat li l-kwistjoni dwar jekk id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali inkwistjoni; li jistgħu jagħtu lok għall-impunità ta' ċerti reati fil-qasam tal-VAT, humiex konformi mal-imsemmi prinċipju ta' finanzi pubbliċi b'saħħithom, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 119 TFUE sa fejn din hija marbuta b'mod indirett ħafna ma' dan l-obbligu impost fuq l-Istati Membri.

65 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għall-ewwel, għat-tieni u għar-raba' domanda magħmula għandha tkun li dispożizzjoni ta' preskrizzjoni applikabbli għal reati kriminali mwettqa fil-qasam tal-VAT, bħal dik prevista fid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-verżjoni tagħhom meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, ma tistax tiġi evalwata fid-dawl tal-Artikoli 101 TFUE, 107 TFUE u 119 TFUE.

**Fuq l-ispejjeż**

66 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-preskrizzjoni tar-reati kriminali, bħal dik stabbilita mill-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 tal-Kodiċi Kriminali, kif emendat bil-Liġi Nru 251, tal-5 ta' Diċembru 2005, moqri flimkien mal-Artikolu 161 ta' dan il-kodiċi, li kienet tipprovdi, meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, li l-interruzzjoni li sseħħ fil-kuntest ta' proċeduri kriminali dwar frodi serja fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud għandha l-effett li testendi t-terminu ta' preskrizzjoni bi kwart biss tat-tul inizjali tagħha, tista' tippreġudika l-obbligi imposti fuq l-Istati Membri mill-Artikolu 325(1) u (2) TFUE, sa fejn din il-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun tipprekludi l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi f'numru kunsiderevoli ta' każijiet ta' frodi serja li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, jew tkun tipprevedi termini ta' preskrizzjoni itwal għall-każijiet ta' frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Istat Membru kkonċernat minn dawk li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, liema aspett għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħti effett sħiħ lill-Artikolu 325(1) u (2) TFUE billi ma tapplikax, skont il-bżonn, id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jkollhom l-effett li jipprekludu lill-Istat Membru kkonċernat milli josserva l-obbligi imposti fuqu mill-Artikolu 325(1) u (2) tat-TFUE.**

2) **Dispożizzjoni ta' preskrizzjoni applikabbli għal reati kriminali mwettqa fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, bħal dik prevista fl-aħħar paragrafu tal-Artikolu 160 tal-Kodiċi Kriminali, kif emendat bil-Liġi Nru 251, tal-5 ta' Diċembru 2005, moqri flimkien mal-Artikolu 161 ta' dan il-Kodiċi, ma tistax tiġi evalwata fid-dawl tal-Artikoli 101 TFUE, 107 TFUE u 119 TFUE.**

Firem